**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' April 2023**

**Rikors nru : 143 /2023 AGV**

AM

vs

AS

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta' MA datat 15 ta' Marzu 2023,**

**Jesponi bir-rispett:**

1. Illi r-rikorrent u l-intimata żżewġu nhar l-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla skond ċertifikat taż-żwieġ numru wieħed, sebgħa, wieħed, disgħa (1719) hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu erbat (4) itfal li llum huma kollha maġġorenni, u cioe R, li twieled fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u tmenin (1984), D li twieled fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993), R, li twieled fl-erbgħa (4) ta' Ottubru, tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997), u S, li twieldet fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn (2000).

3. Illi għalkemm R u S twieldu matul iż-żwieġ, l-intimata iddikjarat fil-kuntratt ta' separazzjoni illi dawn mhumiex ulied ir-rikorrenti;

4. Illi l-partijiet ilhom ma jgħixu taħt l-istess saqaf sa mill elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997);

5. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mit-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) b'kuntratt redatt min-Nuttar Dottor Silvana Borg Caruana illi huwa hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B';

6. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohra;

7. Illi m'hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant umilment titlob lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex:

i. Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

ii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l-konvenuta m'ghandhiex oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 10 ta' Settembru 1983.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**